Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/54*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 54 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru, 2012 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-53

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Korrispondenza

3.01 Memo 34/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 36459 dwar Accountants u Awdituri.

3.02 Memo 35/2012 – Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita'. Il-Kunsill qabel li napplikaw biex nieħdu sehem f'din l-iskema.

3.03 Charmaine Attard ta' Reel8 Productions Ltd infurmat lill-Kunsill Lokali dwar il-possibilta li jsir filmat qasir ta' ħames minuti li jippromwovi lill-lokalita' waqt programm televiz Netoons li se jintwera fuq Net TV minn Ottubru.

3.04 Liliana Camilleri ta' Xarabank Team infurmat lill-Kunsill Lokali li din is-sena il-programm Xarabank li jixxandar fuq TVM ser ikun fih rokna ta' informazzjoni dwar lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Ser isiru ukoll intervisti mas-Sindki fejn jagħti informazzjoni dwar ir-raħal tiegħu.

3.05 Fabienne Grech mill-Ministeru Għal Għawdex infurmat lill-Kunsill dwar l-applikazzjonijiet għall-Kors tal-Universita tat-Tielet Eta' f'Għawdex. Il-Kunsill qabel li nagħmlu avviż lir-residenti biex ikunu infurmati dwar din l-opportunita.

3.06 Ramona Portelli mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali informat lill-Kunsilli dwar Training Conference – Enabling Local Councils to support the Business Community. Għal din il-konferenza qed jiġu mistiedna l-membri kollha tal-Kunsill u s-Segretarji Eżekuttivi. Il-Konferenza ser issir l-4 u 5 ta' Ottubru.

3.07 Kevin Azzopardi mill-Kulleġġ ta' Stella Maris talab informazzjoni dwar klabbs tal-boċċi u dwar possibilta li studenti mill-Kulleġġ iżuru postijiet storiċi u jiltaqgħu ma' xi ħadd involut f'xi xogħol tipikament Għawdxi. Kevin Azzopardi se jiġi infurmat li fil-lokalita' tagħna m'hawnx klabbs tal-boċċi. Dwar biex studenti jiltaqgħu ma' xi ħadd involut f'xi xogħol tipiku Għawdxi se jiġi ssuġġeriet li jżuru Ta' Dbieġi u il-Government Farm.

3.08 Maria Farrugia mill-Wasteserv Malta Ltd infurmat lill-Kunsill dwar The European Week for Waste Reduction.

3.09 Mark Pilkington li joqgħod fi Sqaq San Pupulju ilmenta dwar problema tal-ilma tax-xita li hemm fl-istess sqaq. Dwar din il-problema l-Kunsill kien ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet aktar kmieni din is-sena biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa u b'hekk tissolva l-problema. Fil-fatt il-kuntrattur Anthony Mintoff għandu jibda x-xogħlijiet fi żmien qasir.

3.10 Darlene Inguanez mill-Ministeru għal Għawdex infurmat lis-Sindki ta' Għawdex dwar laqgħa li ser issir mal-Ministru l-Onor. Giovanna Debono fejn is-Sindki għandhom iressqu l-proposti tagħhom dwar il-Pjan ta' Azzjoni 2013-2015 EkoGħawdex. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan is-suġġett. Is-Sindku ippropona li nitolbu biex isir xogħol ta' tindif u bini ta' ħitan f'Wied L-Għasri inkluż il-parti ta' Triq il-Knisja. Huwa ippropona wkoll sabiex il-Fanal ta' Ġordan jiġi restawrat ukoll. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti. Is-Sindku talab lill-membri kollha biex jekk ikollhom aktar proposti, jgħadduhomlu sa nhar l-Erbgħa 26 ta' Settembru filgħodu sa qabel tibda l-laqgħa mal-Ministru Għal Għawdex.

3.11 Joe Attard ta' Green MT talab li jiltaqa' mal-Kunsill biex jiġi diskuss il-ftehim dwar l-iskema ta' ġbir ta' skart separat. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu ma' Joe Attard.

## 4. Tweġiba dwar artiklu li deher fuq ġurnal lokali

Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien mar għand l-Avukat Jean Paul Grech biex jieħu parir dwar l-artiklu li deher fuq il-ġurnal L-Orizzont fit-18 ta' Settembru 2012. L-artiklu kien iffirmat 'Alwetta' bit-titlu 'Abbandun f'Wied il-Għasri'.

Is-Sindku qal li huwa qatt ma iddejjaq bil-kritika meta din tkun kostruttiva. Huwa qal li żbalji isiru iżda qatt m'huwa se jaċċetta li l-Kunsill għamel 'diżastru ambjentali' u lanqas jaċċetta li issir malafama kif sar f'dan l-artiklu. Is-Sindku fakkar li wara l-maltempata tal-10 ta' Marzu 2012 ħafna toroq fl-inħawi ta' Wied l-Għasri kienu ġew imblukkati u ħafna ħitan li jilqgħu l-istess toroq kienu iġġarfu. Is-Sindku kien sejjeħ laqgħa b'urġenza fl-14 ta' Marzu fejn il-Kunsill kien qabel unanimament dwar kif għandhom isiru x-xogħlijiet.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Av. Jean Paul Grech ipprepara stqarrija biex tintbgħat bħala risposta. Din hija l-istqarrija li qed tiġi proposta:-

Stqarrija tal-Kunsill Lokali L-Għasri

Is-Sindku u l-Membri tal-Kunsill Lokali L-Għasri jagħmlu riferenza għall-ittra bl-isem *"Abbandun f'Wied l-Għasri"* miktub minn "Alwetta", Għasri u li deher fil-ħarġa tal-ġurnal "L-Orizzont" tat-Tlieta, 18 ta' Settembru 2012.

Fl-ewwel lok il-Kunsill Lokali jixtieq jagħmilha ċara li huwa miftuħ għal kritika li hija kostruttiva; anzi qatt ma iddejjaq bil-kritika u dejjem ħa in kunsiderazzjoni l-kummenti li ġew indirizzati lejh. Il-fatt li xi ħadd jagħżel li jikkritika xogħol tal-Kunsill huwa minnu innifsu konferma li l-istess Kunsill qiegħed fil-limitazzjonijiet tiegħu jipprova jagħmel l-aħjar għal-lokalita` u li l-membri kollha tal-Kunsill qegħdin jagħtu l-kontribut personali tagħhom għat-tmexxija tal-lokalita`.

Sfortunatament il-kontributur tal-ġurnal L-Orizzont fl-ittra pubblikata fil-ħarġa tat-18 ta' Settembru 2012 għażel li jmur lil hinn minn kritika kostruttiva b'riferenza għax-xogħol li qiegħed isir fil-lokalita`; għażel li jattakka u jagħmel insinwazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-Kunsill u tal-membri tiegħu. Il-Kunsill b'mod unanimu qiegħed jikkundanna bil-qawwa kollha d-dikjarazzjonijiet tal-kontributur tiegħek fl-imsemmija ittra inkluz l-allegazzjoni li: *"min hu responsabbli qiegħed ippappiha tajjeb u żaqqu mimlija sew, qiegħed jiġi jaqa' u jqum minn raħal twelidu u mill-kumplament tal-gżira ta' Għawdex"*. Il-kunsilliera kollha, inkluz is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, mhux talli ma jiġux jaqgħu u jqumu mil-lokalita` tagħhom iżda talli b'sagrifiċċji personali għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom jiddedikaw il-ħin liberu tagħhom sabiex jaħdmu għall-ġid tal-lokalita`. Ħadd minnhom m'hu qiegħed hemm biex isaħħan is-siġġu jew għal xi gwadann personali tiegħu jew għal xi motiv ulterjuri kif sewwasew qiegħed jallega l-istess kontributur; anzi ħafna drabi jmorru lil hinn mill-obbligi tagħhom biex jtejbu mill-aħjar li jistgħu l-kwalita` tal-ħajja tar-residenti tal-lokalita` u tal-ambjent ta' madwarhom b'detriment għall-istess ħajja privata u familjari tagħhom. Mhux l-ewwel darba wkoll li saħansitra joħorġu flus minn buthom sabiex jaqdu bl-aħjar mod l-funzjoni tagħhom fil-lokalita`. Kuntrarjament għall-kontributur tal-ġurnal, huma ma għażlux li jibqgħu fil-kumdita` tal-pultruna ta' darhom jitfgħu allegazzjonijiet inveritieri iżda għażlu li jmiddu għonqhom għax-xogħol bl-interess tagħhom tkun il-lokalita` l-ewwel u qabel kollox. Huma għalhekk inaċċettabbli dikjarazzjonijiet li s-Sindku u l-Kunsilliera qegħdin jagħmlu xi azzjoni deliberata b'mod li jġibu ħerba fil-lokalita` li tagħha huma responsabbli kif jissuġerixxi l-kontributur fl-istess ġurnal.

Il-Kunsill Lokali u l-membri tiegħu filwaqt li qegħdin jitolbu li din l-istqarrija tiġi pubblikata mill-ġurnal L-Orizzont bħala risposta għall-ittra tat-18 ta' Settembru 2012 abbazi tal-artikolu 21 tal-Liġi tal-Istampa li jagħti d-dritt ta' risposta lill-Kunsill u l-membri tiegħu għal dak pubblikat, qegħdin jirriżervaw id-dritt li jieħdu l-passi kollha opportuni skont il-liġi għall-insinwazzjonijiet inveritieri u malafamanti attribwiti lilhom u pubblikati fl-istess kontribuzzjoni.

Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-istqarrija u qabel unanimement li għandha tintbgħat lill-Editur tal-ġurnal L-Orizzont biex tiġi ippubblikata bħala risposta għall-ittra li dehret fit-18 ta' Settembru.

**5. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-54 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**6. Materja oħra**

6.01 David Vella ta' Triq Dun Karm Caruana informa lill-Kunsill li inkiser xi madum tal-bankina fi Pjazza s-Salvatur. Il-Kunsill qabel li isir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiem tal-Kunsill.

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għandna bżonn ta' xkaffar żgħar biex fihom jitpoġġew dokumenti u files b'konnessjoni mas-servizz tas-Sub Post Office. Il-Kunsill qabel li l-ixkaffi jiġu ordnati għand Joseph Attard.

6.03 Bernardette Zammit ilmentat dwar ħajt li waqa fi Triq Għammar. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ biex jitneħħa l-periklu.

6.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerta għal ġbir ta' skart domestiku saret flimkien mal-Kunsilli Lokali ta' San Lawrenz u L-Għarb. L-offerti jistgħu jintefgħu sa nhar l-Erbgħa 22 ta' Ottubru fl-10.00am.

6.05 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li waslulu ilmenti biex il-bankina tal-Museum tinbidel peress li mhix fi stat tajjeb. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

6.06 Il-Kunsillier Frankie Formosa informa lill-Kunsill li Mario Gauci ta' Triq Għammar kien talbu biex titranġa l-bankina tiegħu. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Ottubru, 2012 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |